MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2243/2002

**Jeffrey Attard u Joseph Farrugia ezercenti l-kummerc taht l-isem "The Garden of Renaissance" u b'digriet tal-5 ta' Novembru, 2002 it-Tribunal jordna l-korrezzjoni fis-sens isem Joseph Farrugia ghandu jinqara Joseph Schembri**

**vs**

**M D Trucking Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-18 ta' Settembru, 2002, fejn intalab il-hlas ta' elf mitejn u tlieta u hamsin lira u hamsa u hamsin centezmu (Lm1253.55) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi minn konsenja ta' pjanti li gew trasportati mis-socjeta' konvenuta mill-Italja ghal Malta u waslu Malta fit-8 ta' Ottubru, 2001.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta komprizi dawk ta' ittra ufficjali pprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-10 ta' Jannar, 2002 u bl-imghaxijiet mill-istess ittra ufficjali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta pprezentata fit-2 ta' Ottubru 2002 fejn intqal illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li;**

**1. Hija esegwiet l-inkarigu skond s-sengha u l-arti u ma kkagunat l-ebda danni lill-atturi;**

**2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.**

**Semgha x-xhieda ta' Jeffrey Attard, Joe Bonello, Anthony Ferris, Michael Debono, Hamish Dempster. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Sema' lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. L-atturi qed jitolbu l-hlas ghal danni li sofrew f'konsenja ta' pjanti trasportata mis-socjeta' konvenuta. Il-konsenja giet mill-Italja u waslet Malta fit-8 ta' Ottubru, 2001. Is-socjeta' konvenuta qieghda tghid illi hi esegwiet id-dmirijiet taghha skond is-sengha u l-arti.**

**2. Jirrizulta illi l-atturi jimportaw pjanti ta' gewwa u ta' barra u kienu nkarigaw lill-konvenut ghat-trasport ta' pjanti mill-Italja.**

**3. Jirrizulta illi dawn il-pjanti gew mis-socjeta' *Flor Mercati* minn Brescia. Jirrizulta illi l-burdnar Joe Bonello mqabbad mill-atturi kien mar jigbor il-merkanzija fid-9 ta' Ottubru, 2001 u kien iffirma d-dokument tas-socjeta' konvenuta. L-istess Bonello fix-xhieda tieghu spjega li l-pallet li gabar kien shieh u ma rax danni minn barra, ghabba l-merkanzija f'container normali u hadu ghand l-atturi. Biex gabarhom u hadhom sa ghand l-atturi ghadda xi siegha u nofs.**

**4. Meta l-merkanzija nfethet sabu lill-pjanti kienu qed iwaqqghu l-weraq u skond ma jirrizulta ukoll mir-ritratti Dok AJ 1 sa Dok AJ 11, kif jiddeskrivihom l-attur "spiccuti minhabba l-kesha".**

**5. Jeffrey Attard kien sussegwentement tkellem ma' rapprezentanti ta'** ***Flor Mercati*** **li qalulu li kienu ndikaw lis-sewwieq tas-socjeta' konvenuta li t-temperatura tal-container kienet baxxa wisq. Fil-fatt jekk wiehed jara l-ittra ta' l-4 ta' Lulju, 2002 Dok B esebita mibghuta minn Flor Mercati lill-atturi, Andrea Piccinelli jiddikjara s-segwenti: "avendo il sottoscritto rilevato che il camion aveva il sistema di raffreddamento di interno tarato su una temperatura troppo bassa per garantire la buona conservazione della mercie …….. Ho inviato il trasportatore ad adequare la temperatura……". L-istess Piccinelli ma vverifikax wara jekk it-temperatura fil-fatt gietx aggustata.**

**6. Ma hemm xejn indikat fil-*bill of lading* u l-annexx ghall-istess Dok AF 12 u Dok AF 13 rispettivament. Il-kontenut tal-container, li kien groupage hu indikat fid-Dok AF 1 sa Dok AF 11.**

**7. L-attur baghat l-ilment tieghu bil-miktub lis-socjeta' konvenuta fit-12 ta' Ottubru, 2001 Dok H, filwaqt illi l-claim relattiva saret fis-17 ta' Ottubru, 2001 Dok G.**

**8. Anthony Ferris, Financial Controller tas-socjeta' konvenuta jassigura illi t-trailer li ntuza kellu sistema ta' refrigirazzjoni. Hu insista illi fl-ordni ma kienx hemm indikazzjoni illi l-merkanzija kellha tingarr b'certa temperatura, u l-ordni kien biex igorru trollies bil-pjanti. Skond l-istess Ferris merci ta' pjanti tingarr b'temperatura ta' 17ºc u skond l-istess xhud Raymond Grech mechanic tas-socjeta' konvenuta vverifika li t-temperatura kienet 17ºc.**

**9. Dwar li l-pjanti kellhom jingarru taht certa temperature jirrizulta mix-xhieda ta' Hamish Dempster kif ukoll minn Fol 72 tal-process li jindika l-istruzzjonijiet tal-klijent. Skond Dempster kienet Erica Attard, impjegata dak iz-zmien tas-socjeta' konvenuta li rrangat l-operational requirements biex il-pjanti jingiebu. Ix-xhud spjega li meta haga tingieb**

**"refrigerated" normalment jindikaw kundizzjonijiet partikolari peress illi r-refrigirazzjoni tvarja minn merci ghall-ohra. Ix-xhud ma setax jikkonferma b'certezza jekk l-attur ghaddilhomx l-informazzjoni dwar it-temperatura li bihom kellhom jingarru, pero' jiftakar illi Attard qallu illi l-pjanti ghandhom ikunu f'kontenitur refrigerat. Dempster jikkonferma illi Attard ghamel l-ilment tieghu l-istess gurnata li l-merci waslet ghandu.**

**10. It-Tribunal dwar ix-xhieda ta' Michael Debono, DIrettur tas-socjeta' konvenuta, ma jistax ma jinnotax illi dana ripetutament fix-xhieda tieghu ma ftakarx il-fatti li graw jew ma kienx jaf dwarhom u ghalhekk ma seta' jinghata ebda affidabilita'.**

**11. Ghalhekk mill-analizi tal-fatti jirrizulta illi l-pjanti fil-fatt ingarrew b'temperatura li ma kienetx adekwata ghalihom, fatt li kien gie ndikat lis-sewwieq mir-rapprezentant ta' *Flor Mercati*. It-temperatura ma gietx aggustata u konsegwentement il-pjanti gratilhom il-hsara. Tali hsara ma setghetx hlief tigi kostatata meta l-konsenja waslet ghand l-atturi u nfethu l-pakketti. Wiehed ma setax jinduna li kien hemm il-hsara minn barra peress illi l-hsara ma kienetx lill-pakkett, imma l-hsara grat minhabba t-temperatura baxxa wisq. Konsegwentement hija s-socjeta' konvenuta illi ghandha tigi ritenuta responsabbli ghad-danni fil-konsenja tal-pjanti.**

**12. It-Tribunal qed jaghti piz ghall-ittra Dok M D 1 mibghuta lil Erica Attard mill-attur, liema ittra hi datata 3 ta' Ottubru, 2001 u li fiha jinghad specifikatament illi l-merkanzija trid tingarr *"in a refrigerated cargo".* Jekk lis-socjeta' konvenuta ma kienx ghaliha car bizzejjed il-kundizzjoni b'liema ghandhom jingarru dawna setghu facilment ivverifikaw ma' l-atturi.**

**13. Bhala ammont ta' danni jirrizulta pruvat mill-invoice Dok D, Dok E, Dok F, il-claim Dok G u dana fl-ammont mitlub.**

**Ghaldaqstant peress illi ghad-danni fil-konsenja kienet responsabbli s-socjeta' konvenuta, t-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta'**

**konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' elf mitejn tlieta u hamsin lira u hamsa u hamsin centezmu (Lm1253.55c). Bl-imghaxijiet legali mill-10 ta' Jannar, 2002.**
**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra ufficjali pprezentata fl-10 ta' Jannar, 2002 ghandhom jigu sopportati unikament mis-socjeta konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------